arja kont insib ruħi msieħeb minn mijiet ta' dubbien li kienu jiġu jieklu miegħi bla ma stajt nitlob is-sehem tar-*Ration* tagħhom mill-*Protection Office*.

Il-biċċa ġnien li kelli riedet xogħol li ma kienx igħodd għalija. Il-ġenn li kelli għal kull roqgħa ħadra li kont nara naqasli. Għall-ewwel kont hekk ibleh li ħsibt li kollox sa jinbet u jikber waħdu. Imma tqarraqt. Kollox irid ix-xogħol tiegħu.

U x-xewqa li nerġa' mmur ingħix fil-Belt reġgħet bdiet titnissel fija. Kullħadd fejn ikun imdorri.

---

## RIŻULTAT TAL-KONKORS TA' BALLATI MNIEDI MILL-"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI"

Il-Ballati rebbieħa huma:—

L-ewwel: "Perfecti Mysterium Amoris" ta' Għaġġla Kbira (Karmenu Vassallo);

It-Tieni: "Ballata" ta' Omero P.A. Sally (Romeo L. Psayla);

It-Tielet: "Ballata" ta' Amorno (Patri Valentin Barbara, O.P.);

"Imħabba, Ħaqq u Mewt" ta' Alpha u Omega, u "Il-Ħati" ta' Helios, it-tnejn ta' Karmenu Vassallo, kienu jieħdu t-tieni u t-tielet premju kieku l-awtur tagħhom ma ħax diġà l-ewwel premju.

Imsemmijin b'tifħir skond il-grad tal-mertu tagħhom:

"Ġieħ u Għajb" ta' Malti Safi (Karmenu Vassallo);

"Il-Ballata tal-Ġenniena" ta' Hortus (Dun Frans Camilleri);

"Il-Ballata tal-Margerita" ta' Ballita (Alb. M. Cassola);

"Iż-Żifna tal-Friefet" ta' Le Papillon (Victor Apap);

"Imħabba fin-Nirien" ta' Lucerna (Kelinu Vella Haber);

"Ballata" ta' Pacificus (Marju Agius);

"Ballata" ta' Ypsilon (Ġorġ Chetcuti).

Il-poeżiji ġew eżaminati mill-Wisq Rev. Monsinjur Professur Carmelo Psaila (Dun Karm), is-Sur Nin Cremona u s-Sur Godfrey Zarb Adami.

Ir-rapport maħdum bir-reqqa li għamlu jidher fil-ħarġa ta' Ġunju flimkien mal-Ballati msemmijin fuq.



# RECENSJONI

**RAĊEL BIL-GĦAQAL.—Ġrajja ta' Malta, ta' Ġużè' Galea pp. 82. Lux Press., 1944.**

MINN kittieb ta' żewġ romanzi Maltin bħalma huma "Żmien l-Ispanjoli u "San Ġwann" u ta' bosta novelli ta' żmien il-gwerra tal-lum li s'issa dehru f'"Il-Malti" u f'"Leħen il-Malti" minn xi tliet snin 'l hawn, aħna ma konniex nistennew li dan ir-rakkont sa jagħmel għajb lil sħabu. U tassew li ma għamlilhomx għajb, iżda f'xi bċejjeċ sebaqhom fil-ġmiel ta' l-istil u fir-reqqa tal-kitba! Għalhekk nistgħu ngħidu li b'dan ix-xogħol ta' kitba Maltija t-Tabib Galea żied ġawhra oħra ma' dawk li bihom s'issa għaraf iżejjen il-letteratura Maltija. Il-proża narrativa tat-Tabib Galea, għal dak li hu vokabularju, idjomi, frażi ħajja, tifsil u nisġa ta' ġrajjiet u deskrizzjonijiet tiġi li tħalli warajha wkoll lil dik ta' l-aqwa romanzieri Maltin li s'issa kellna.

Bħalma nsibu fir-rumanzi u stejjer li kiteb qabel, f'dan ir-rakkont, dan il-kittieb għaraf joħloq ġrajja hekk imżewqa, b'karattri ta' nies hekk minquxin u maqlugħin, b'episodji hekk ħajjin, b'ċirkustanzi minsuġin hekk sabiħ u bis-sengħa — fejn kull tarf ta' ġrajja jħallik bix-xewqa li tkun taf it-tmiem tiegħu — illi meta taqbad l-ewwel faċċata jkollok mitt sena li tasal fl-aħħar waħda u taqra l-ktieb kollu f'nifs wieħed. Ma hemm l-ebda karattru li ma jgħaxxqekx bil-lwien li bih hu pinġut, tibda minn dak tal-għaref u għaqli Marku Falzun u tispiċċa f'dak ta' bniedem qalbu xierfa u ħajna bħalma hu Diegu Alagona.

Fix-xbieha ta' Miju Mekkek il-kittieb wera għajn fina li taf tara, taqra u tixrob il-fiżonomija ta' bniedem li jpatti fil-ħżunija ta' moħħu u ta' qalbu għall-għaġeb u kruha ta' figurtu. Dan hu wieħed mill-karattri tipiċi li nsibuh biss pinġut tajjeb mill-aqwa romanzieri li fil-proża tagħhom hemm l-isbaħ mera tal-passjonijiet sew għolja kemm baxxi tal-qalb tal-bniedem. Il-qawwa tal-pinna ta' dan il-kittieb tidher l-iktar fid-deskrizzjonijiet bħal fix-xogħlijiet l-oħra li s'issa rajna miktubin minnu. F'dik tat-tempesta tal-baħar huwa jurina, mill-"ewwel fewġa li qajmet ċafċifa f'wiċċ il-baħar" sakemm il-muntanji tal-mewġ tal-baħar dehru li riedu jibilgħu l-bastiment, id-daqqiet tal-pinzell li bihom il-kittieb għaraf ipinġi wieħed mill-isbaħ kwadri tas-sengħa tal-kitba fejn il-għajn tara "s-sabiħ" fil-waħx tan-Natura.

L-egħluq tar-rakkont,—fejn jiltaqgħu t-trufijiet kollha tal-ħjut li bihom huma minsuġin il-ġrajjiet kollha li jgħaqqdu t-tmiem li jikxef għad-dawl ir-regħba, ħażen u ġuferija ta' tas-Sewwa u tal-Ħaqq il-qerq, in-nases, ir-regħba, ħażen u ġuferija ta' nies bħalma huma Diegu Alagona u l-qaddej tiegħu Miju Mekkek u r-ruħ għaqlija, twajba u qalbiena ta' Marku Falzun, u l-qalb safja ta' nies bħalma hi dik tat-tfajjel Rigu u ta' missieru Luqa Briffa, l-imsejken suldat tad-Dejma, u l-karattru sod tal-Kanċillier—huwa l-qofol ta' xogħol ta' l-isbaħ vinturi li s'issa nkitbu bil-Malti għal idejn it-tfal ta' l-iskola. Il-ħsieb ta' l-awtur li jikteb ktieb tal-qari li bih jedha l-moħħ tat-tifel